MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 322/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Carmen Spiteri (K.I. 13467M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici tghid li l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u disgha u sittin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1169.22) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51092899 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12; illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-19 ta' Frar, 2014 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, mija u disgha u sittin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1169.22) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------